MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 52/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Cutajar**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imsemmi George Cutajar, detentur tal-karta tal-Identita` bin-numru 647659M talli fl-24 ta' Settembru 2011, ghall-habta tal-11.40hrs fl-Msida, ingurja u/jew hedded lil martu Bernarda Cutajar bil-kliem, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Jannar 2012 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ta' l-istess George Cutajar, sabitu hati u kkundannatu gimgha detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi George Cutajar ipprezentat fil-31 ta' Jannar 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tvarjaha billi tissostitwixxi l-piena ta' detenzjoni moghtija fil-konfront tieghu ai termini tas-sentenza appellata b'piena anqas harxa applikabbli fil-kaz ta' kontravenzjonijiet;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji tal-appellant, in succint, huma s-segwenti: (1) li fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012 l-ewwel Qorti ma taghtux twissija ai termini ta' l-artikolu 392(2) tal-Kap. 9 tal-Ligiiet ta' Malta; (2) li l-piena kienet harxa wisq.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant m'ghandux ragun peress illi l-procedura ndikata fl-artikolu 392 hi dik uzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Ghalhekk l-ewwel aggravju hu michud.

**7.** Dwar it-tieni aggravju, quddiem din il-Qorti dehret mart l-appellant, Bernarda Cutajar, li ddikjarat li ma kellha l-ebda interess li zewgha jmur il-habs u kull ma riedet kien li huwa joqghod attent ghall-mod kif jikkomporta ruhu u jitkellem. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti, wara li wissiet lill-appellant dwar ghemilu, ikkunsidrat illi huwa opportun illi tvarja l-piena nflitta mill-ewwel Qorti u tuza mezz ta' deterrent.

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi George Cutajar ghal gimgha detenzjoni u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal sitt xhur millum. Din il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 22(3) ta' l-istess Kap. 446, fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk

huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------